

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 7.7.2010
KUMM(2010)364 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW
U LILL-KUNSILL**

**DWAR L-APPLIKAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI TAD-DIRETTIVA TAL-
KUNSILL 95/50/KE DWAR PROĊEDURI UNIFORMI GĦAL VERIFIKI FUQ IT-
TRASPORT TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA BIT-TRIQ**

WERREJ

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL DWAR L-APPLIKAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI TAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 95/50/KE DWAR PROĊEDURI UNIFORMI GĦAL VERIFIKI FUQ IT-TRASPORT TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA BIT-TRIQ		1
1.	Introduzzjoni	4
2.	Sfond	4
3.	Id-Direttiva 95/50/KE	5
4.	Ir-rapporti mill-Istati Membri tal-UE u min-Norveġja	5
5.	Il-kalkolu tad-dejta	6
6.	L-evoluzzjoni tal-verifiki u r-riżultati tagħhom	6
7.	Paragun tad-dejta.....	7
7.1.	Il-frekwenza tal-verifiki	7
7.2.	Analiżi tal-verifiki skont il-post tal-oriġini	8
7.3.	Il-proporzjon ta' unitajiet ta' trasport mhux konformi.....	8
7.4.	Analiżi tal-unitajiet ta' trasport mhux konformi skont il-post tal-oriġini	8
7.5.	Il-frekwenza tal-immobilizzazzjoni tal-unitajiet ta' trasport	8
7.6.	Analiżi skont il-kategoriji ta' riskju	9
7.7.	It-tipi ta' penali.....	9
8.	Konklużjonijiet.....	9
Anness I – L-evoluzzjoni tan-numru ta' verifiki, tan-nuqqas ta' konformità u tal-ksur tal- kategorija 1		11
Anness II – Il-frekwenza tal-verifiki għal kull miljun tunnellata-kilometru.....		13
Anness III – Analiżi tal-verifiki skont il-post tal-oriġini		14
Anness IV – Il-proporzjon ta' unitajiet ta' trasport mhux konformi mal-ADR.....		15
Anness V – Analiżi tal-unitajiet ta' trasport mhux konformi mal-ADR skont il-post tal-oriġini		16
Anness VI – Il-frekwenza tal-immobilizzazzjoni tal-unitajiet ta' trasport mhux konformi mal-ADR.....		17

Anness VII – Analiżi skont il-kategoriji ta’ riskju	18
Anness VIII – It-tipi ta’ penali għal kull unità ta’ trasport mhux konformi mal-ADR.....	19
Anness IX – It-trasport annwali tal-merkanzija perikoluża bit-triq f’miljun tunnellata-kilometru	20

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq kienet adottata fis-6 ta' Ottubru 1995¹ u l-Istati Membri kellhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi magħha sal-1 ta' Jannar 1997.

Id-Direttiva 95/50/KE tipprovdi li kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, għal kull sena kalendarja u mhux aktar tard minn tmax-il xahar wara t-tmiem ta' dik is-sena, rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva². Id-Direttiva tipprovdi wkoll li l-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, għall-inqas kull tliet snin, rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri³.

Ir-rapport mill-Kummissjoni huwa bbażat fuq ir-rapporti annwali li jaslu mingħand l-Istati Membri. Dan huwa r-raba' rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE fl-Istati Membri u jkopri s-snin 2006-2007. L-ewwel rapport⁴ kien ikopri s-snin 1997-1998, it-tieni rapport⁵ is-snin 1999-2002 u t-tielet rapport⁶ is-snin 2003-2005.

2. SFOND

Id-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija perikoluża bit-triq⁷, kif emendata⁸, introduċiet regoli armonizzati għat-trasport tal-merkanzija perikoluża bejn l-Istati Membri kif ukoll fuq il-livell nazzjonali fi ħdan l-Istati Membri.

L-annessi tekniċi għad-Direttiva 94/55/KE huma identiċi f'termini ta' kontenut għall-annessi tekniċi għall-Ftehim internazzjonali ADR⁹. Għalhekk, id-Direttiva 94/55/KE tittrasponi fil-liġi Komunitarja d-dispożizzjonijiet tekniċi tal-ADR, li jistabbilixxi r-regoli uniformi għat-trasport internazzjonali sikur tal-merkanzija perikoluża bit-triq. Il-valur miżjud tad-Direttiva huwa li din testendi dawn ir-regoli anki biex ikopru t-traffiku nazzjonali sabiex mal-Komunità kollha ikunu armonizzati l-kundizzjonijiet li fihom il-merkanzija perikoluża tiġi ttrasportata bit-triq u b'hekk tittejjeb, fl-istess ħin, is-sikurezza tat-toroq fuq il-livell nazzjonali.

L-Anness A għad-Direttiva 94/55/KE jelenka l-merkanzija perikoluża li tista' tinġarr fit-triq u jagħti r-regoli għall-imballaġġ, għat-tikkettar u għad-deskrizzjoni tal-merkanzija fid-

¹ ĠU Nru L 249, 17.10.1995, p. 35, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/112/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li tadatta għall-progress tekniku lid-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE (ĠU Nru L 367, 14.12.2004, p. 23)

² L-Artikolu 9(1) tagħha.

³ L-Artikolu 9(2) tagħha.

⁴ COM(2000) 517 finali, 06.09.2000

⁵ COM/2005/0430 finali, 15.09.2005

⁶ COM/2007/0795 finali, 13.12.2007

⁷ ĠU Nru L 319, 12.12.1994, p. 7

⁸ Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/111/KE tad-9 ta' Diċembru 2004 li tadatta għall-progress tekniku lid-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE [traduzzjoni mhux uffċjali] (ĠU Nru L 365, 10.12.2004, p. 25)

⁹ Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali bit-Triq ta' Merkanzija Perikoluża li ġie konkluż f'Ġinevra fit-30 ta' Settembru 1957, kif emendat, bl-aħħar verżjoni tkun dik tal-2009-2011.

dokumenti ta' trasport. L-Anness B jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-unitajiet ta' trasport u l-operazzjonijiet ta' trasport.

Għandu jiġi nnotat li d-Direttiva 94/55/KE kienet revokata mit-30 ta' Ġunju 2009 u ġiet sostitwita bid-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi¹⁰. Madankollu, id-Direttiva 2008/68/KE żżomm l-istess approċċ tad-Direttiva 94/55/KE rigward l-inklużjoni tad-dispożizzjonijiet tekniċi tal-ADR.

3. ID-DIRETTIVA 95/50/KE

Fil-kuntest tad-Direttiva 94/55/KE, u sabiex ikompli jitjieb il-livell ta' sikurezza fit-trasport ta' merkanzija perikoluża u sabiex jiġi żgurat li livell suffiċjenti ta' verifiki jitwettaq b'mod armonizzat, il-Kunsill, fis-6 ta' Ottubru 1995, adotta d-Direttiva 95/50/KE dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq. Din id-Direttiva tinkludi lista ta' verifiki armonizzata li ntużat mill-Istati Membri kif ukoll lista ta' kodiċijiet ta' ksur. Fl-2004, ġew emendati¹¹ l-Annessi għad-Direttiva u mill-2005, is-sistema tal-kodiċijiet ta' ksur inbidlet biex tinkludi tliet kategoriji ta' riskju.

Dawn il-verifiki uniformi għandhom x'jaqsmu ma' kull operazzjoni ta' trasport bit-triq ta' merkanzija perikoluża fit-territorju ta' Stat Membru jew li tiddaħħal f'dak it-territorju minn pajjiżi terzi, irrISPETTIVAMENT mill-pajjiż ta' reġistrazzjoni tal-unità ta' trasport. Id-Direttiva għandha l-għan li tiżgura li proporzjon rappreżentattiv ta' konsenji ta' merkanzija perikoluża ttrasportata bit-triq tkun ivverifikata fuq bażi mhux sistematika, filwaqt li fl-istess ħin ikun kopert porzjon estensiv tan-netwerk ta' toroq.

Bħala miżura preventiva, jew wara li jkun ġie rreġistrat ksur f'ġenb ta' triq li jipperikola s-sikurezza, jistgħu jitwettqu verifiki wkoll fil-kwartieri tal-impriżi¹². Madankollu, fid-Direttiva 95/50/KE m'hemm l-ebda rekwiżit ta' rapportar rigward dawn il-verifiki.

4. IR-RAPPORTI MILL-ISTATI MEMBRI TAL-UE U MIN-NORVEĠJA

Meta jagħmlu r-rapporti tagħhom, l-Istati Membri jintalbu jużaw il-kategoriji ta' riskju fl-Anness II għad-Direttiva 95/50/KE u jippreżentaw ir-rapport skont l-Anness III għad-Direttiva. In-Norveġja dejjem ippreżentat rapport annwali u talbet li tkun inkluża fir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Mhux l-Istati Membri kollha ppreżentaw l-informazzjoni fil-format standard. Pereżempju, uħud mill-Istati Membri użaw il-kodiċijiet mil-lista ta' verifika preċedenti (l-Anness I għad-Direttiva qabel l-emenda tal-2004), u wħud mill-Istati Membri kellhom is-sistemi tagħhom stess biex jiklassifikaw il-ksur.

¹⁰ ĠU Nru L 260, 30.09.2008, p. 13-59

¹¹ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/112/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li tadatta għall-progress tekniku lid-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE (ĠU Nru L 367, 14.12.2004, p. 23)

¹² L-Isvezja indikat li twettaq numru sostanzjali ta' verifiki u ta' kontrolli fit-terminali, fil-kumpaniji u fil-portijiet. Il-Pajjiżi l-Baxxi (l-Olanda) indikaw li huwa jżuru wkoll il-kumpaniji tat-trasport biex jagħmlu verifiki, kontrolli u jqassmu informazzjoni. Il-Belġju indika li minbarra l-ispezzjonijiet fil-kwartieri tal-kumpaniji, il-konsulenti tas-sikurezza jirrapportaw ir-riżultati tal-verifiki li jsiru fil-kumpanija lill-awtoritajiet kompetenti.

Waslu rapporti mingħand l-Istati Membri kollha kemm għas-sena 2006 kif ukoll għall-2007; madankollu, bosta rapporti ma kienux kompluti. Dawn in-nuqqasijiet wasslu għal informazzjoni nieqsa fit-tabelli ta' dan ir-rapport. Dan huwa indikat bis-sinjal “#N/A” jgħifieri “not available (mhux disponibbli)”.

Is-sommarju tar-rapporti mill-Istati Membri huwa pprovdut fl-annessi għal dan ir-rapport. Il-preżentazzjoni u l-analiżi tad-dejta jridu jikkunsidraw li l-mudell (template) tar-rapport kien emendat fl-2004.

L-Anness I jinkludi l-evoluzzjoni tan-numru ta' verifiki rreġistrati f'kull Stat Membru mill-2003 sal-2007, il-proporzjon tal-unitajiet ta' trasport li mhumiex konformi mar-regoli għall-2006-2007 u l-proporzjon tal-ksur tal-kategorija ta' riskju 1 għall-2006-2007.

Meta tiġi analizzata l-evoluzzjoni fil-Kapitolu 6 u l-istatistiċi ta' 7.6 *Analiżi skont il-kategoriji ta' riskju*, għandu jiġi nnotat li l-indikatur għal Spanja huwa baxx minħabba interpretazzjoni żbaljata tan-numru ta' unitajiet ta' trasport mhux konformi mal-ADR.

Diversi Stati Membri baġhtu rapporti fejn is-somma tal-ksur hija differenti min-numru ta' unitajiet ta' trasport mhux konformi mad-dispożizzjonijiet tal-ADR. Dan m'għandux ikun possibbli peress li l-Istati Membri jntalbu jirrapportaw biss l-iktar kategorija ta' ksur gravi għal kull unità ta' trasport.

5. IL-KALKOLU TAD-DEJTA

L-Istati Membri ntalbu jipprovdu, jekk kien possibbli, l-istima tagħhom tal-ammont ta' trasport annwali tal-merkanzija perikoluża f'tunnellati jew f'tunnellati-kilometri fir-rapport tagħhom. Ħames (5) Stati Membri biss ipprovdew din l-informazzjoni.

Sabiex ikun jista' jsir paragun oġġettiv bejn l-Istati Membri differenti, mid-dejta tal-Eurostat insilet il-volum tat-trasport tal-merkanzija perikoluża għal kull Stat Membru¹³. Din l-informazzjoni ntużat sabiex tkun stmata l-frekwenza tal-verifiki għal kull miljun tunnellata-kilometru.

Ma kien hemm l-ebda statistika tal-Eurostat għall-Ungerija fl-2006 u għal Malta fl-2006-2007. Għall-Ungerija, l-informazzjoni kienet estrapolata mid-dejta tal-2007-2008. Għal Malta, il-volum tal-merkanzija ttrasportata kien ipprovdut mill-awtorità kompetenti Maltija.

L-istatistiċi mill-Eurostat ġew ippreżentati fl-Anness IX.

6. L-EVOLUZZJONI TAL-VERIFIKI U R-RIŻULTATI TAGĦHOM

It-tabella fl-Anness I tipprovdi stampa ġenerali tal-evoluzzjoni fi żmien il-verifiki f'ġenb it-toroq f'kull Stat Membru. L-ewwel linja tagħti n-numru ta' verifiki. It-tieni linja tipprovdi l-perċentwali ta' unitajiet ta' trasport ivverifikati fejn instab mill-inqas ksur wieħed. Fit-tielet linja hemm il-perċentwali ta' verifiki fejn l-iktar ksur gravi kien tal-kategorija 1, jgħifieri l-iktar ksur serju.

¹³ It-tabella tal-Eurostat “DS-073082”: It-trasport annwali ta' merkanzija perikoluża bit-triq, skont it-tip ta' merkanzija perikoluża u analizzat skont l-attività

Id-dejta tal-Anness I tibda fl-2006 ħlief għan-numru ta' verifiki fejn kienet inkluża l-informazzjoni mir-rapport preċedenti.

Fi tmiem it-tabella hemm il-valuri medji għall-Unjoni Ewropea u l-istatistiċi min-Norveġja.

Għandu jiġi nnotat li minħabba dejta nieqsa mir-rapporti tal-Istati Membri:

- in-numru totali ta' verifiki għall-2006 u għall-2007 ma jinkludix lill-Estonja;
- il-perċentwali ta' unitajiet ta' trasport ivverifikati fejn instab mill-inqas ksur wieħed tad-dispozzjonijiet għall-2006 ma tinkludix lill-Ġermanja, lill-Estonja jew lil Spanja; għall-2007 mhumiex inklużi l-Estonja u Spanja;
- il-perċentwali tal-ksur tal-kategorija 1 għall-2006 ma tinkludix lill-Bulgarija, lill-Ġermanja jew lill-Portugall.

L-informazzjoni dwar il-perċentwali tal-ksur tal-kategorija 1 għal uħud mill-Istati Membri tista' tqarraq. Jekk ġie rrapportat iktar minn ksur wieħed għal kull verifika, il-perċentwali tal-ksur tal-kategorija 1 għandha t-tendenza li tkun iktar baxxa mill-valur korrett. Għall-2006, dan kien il-każ għal Franza, għall-Pajjiżi l-Baxxi (l-Olanda), għall-Polonja u għall-Portugall; għall-2007 dan kien il-każ għall-Bulgarija, għall-Pajjiżi l-Baxxi (l-Olanda), għall-Polonja u għall-Portugall.

Uħud mill-Istati Membri għandhom inqas ksur milli nstab li kien hemm unitajiet ta' trasport mhux konformi. Dan huwa l-każ għall-Belġju, għall-Italja, għall-Ungerija, għal Malta u għall-Isvezja. Dan m'għandux jinfluwenza l-perċentwali b'mod sistematiku. Hemm każijiet fejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jirrapportaw biss fejn instab il-ksur, imma ma jipprovdu l-ebda informazzjoni dwar il-ksur jew dwar il-penali sussegwenti. Din il-kwistjoni hija diskussa f'iktar dettall fil-paragrafu 7.6.

7. PARAGUN TAD-DEJTA

Il-paragrafi li ġejjin jipprovdu informazzjoni u analiżi iktar dettaljati dwar id-dejta pprovduta mill-Istati Membri rigward il-verifiki tagħhom. L-Annessi II sa VIII juru, permezz ta' istogrammi, is-sitwazzjoni f'kull Stat Membru fl-2006 u fl-2007.

7.1. Il-frekwenza tal-verifiki

L-Anness II jagħti stampa ġenerali tal-frekwenza tal-verifiki f'ġenb it-toroq fl-Istati Membri għas-snin 2006 u 2007. Il-frekwenza hija espressa bħala l-proporzjon tan-numru ta' verifiki għal kull miljun tunnellata-kilometru ta' merkanzija perikoluża ttrasportata f'kull Stat Membru.

Fl-2006, il-medja fl-UE kienet ta' 2.95 verifiki għal kull miljun tunnellata-kilometru; fl-2007, kienet ta' 3.50. Dan jimplika żieda ta' 18.6 %. Il-Bulgarija u l-Ungerija għandhom frekwenza eċċezzjonalment għolja ta' verifiki. Mingħajr in-numri tal-Bulgarija u tal-Ungerija, il-medja tal-UE kienet tkun ta' 2.33 fl-2006 u ta' 2.90 fl-2007 u ż-żieda annwali kienet tkun ta' 24.5 %.

7.2. Analiżi tal-verifiki skont il-post tal-orġini

L-Istati Membri jintalbu jikklassifikaw l-istatistiċi tagħhom skont il-post ta' reġistrazzjoni tal-unità ta' trasport. L-Anness III għal dan ir-rapport jagħti stampa ġenerali tal-verifiki skont il-post tal-orġini tal-unità ta' trasport.

Fl-analiżi tar-risultati, għandha tiġi kkunsidrata l-pożizzjoni ġeografika ta' kull Stat Membru; pereżempju, fil-gżejjer ġeneralment ikun hemm inqas tranżitu ta' merkanzija bit-triq.

Id-dejta għall-2006 hija nieqsa mill-Istati Membri li ġejjin: il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Portugall u s-Slovakkja; għall-2007 hija nieqsa mill-Estonja.

7.3. Il-proporzjon ta' unitajiet ta' trasport mhux konformi

Is-sehem tal-unitajiet ta' trasport ivverifikati b'mill-inqas ksur wieħed jinsab fl-Anness IV.

Il-perċentwali ta' unitajiet ta' trasport mhux konformi tvarja ferm minn Stat Membru għall-ieħor, fejn tilħaq kważi 80% fil-Portugall, filwaqt li f'numru ta' Stati Membri hija inqas minn 5 %.

Id-dejta għall-2006 hija nieqsa mill-Istati Membri li ġejjin: il-Ġermanja u l-Estonja; għall-2007 hija nieqsa mill-Estonja. L-indikatur għal Spanja kien baxx minħabba intepretazzjoni żbaljata tan-numru ta' unitajiet ta' trasport mhux konformi mar-regoli.

7.4. Analiżi tal-unitajiet ta' trasport mhux konformi skont il-post tal-orġini

Il-graff fl-Anness V turi d-distribuzzjoni tal-unitajiet ta' trasport mhux konformi mad-dispożizzjonijiet skont il-post tal-orġini tal-unità ta' trasport.

Fl-analiżi tar-risultati, għandha tiġi kkunsidrata l-pożizzjoni ġeografika ta' kull Stat Membru.

Id-dejta għall-2006 hija nieqsa mill-pajjiżi li ġejjin: il-Ġermanja u l-Estonja; għall-2007 hija nieqsa mill-Estonja. Is-Slovakkja pprovdiet l-informazzjoni imma ma rrapportat l-ebda ksur għall-2006.

7.5. Il-frekwenza tal-immobilizzazzjoni tal-unitajiet ta' trasport

Il-graff fl-Anness VI turi l-perċentwali tal-vetturi immobilizzati fost dawk li kien irrapportat li kellhom ksur.

Il-frekwenza tal-immobilizzazzjoni tvarja ferm minn Stat Membru għall-ieħor; fil-Bulgarija, fl-2006, kull vettura bi ksur kienet immobilizzata filwaqt li diversi Stati Membri rrapportaw li l-ebda vettura ma kienet immobilizzata.

L-Istati Membri li ġejjin ma pprovdewx dejta għall-2006: il-Ġermanja, l-Italja, il-Portugall u s-Slovakkja; għall-2007 ma pprovdewx dejta Franza, l-Italja u l-Portugall.

L-Istati Membri li ġejjin irrapportaw li ma kien hemm l-ebda immobilizzazzjoni għall-2006: l-Estonja, Spanja, Ċipru, il-Litwanja u Malta; għall-2007 ma kienet irrapportata l-ebda immobilizzazzjoni f'Ċipru, fl-Estonja, fi Spanja, fil-Latvja, f'Malta u fl-Isvezja.

7.6. Analiżi skont il-kategoriji ta' riskju

Il-graff fl-Anness VII turi d-distribuzzjoni tal-gravità tal-ksur. Kellha tiġi rreġistrata biss l-ogħla kategorija ta' riskju skoperta matul il-verifika.

In-numru totali ta' ksur irrapportat għandu jkun daqs in-numru ta' unitajiet ta' trasport mhux konformi mar-regoli. L-aħħar stangetta fil-graff tal-Anness VII hija s-somma tal-ksur diviża bin-numru ta' unitajiet mhux konformi. Din għandha tkun daqs 100 % għaliex kellu jiġi rrapportat biss l-iktar ksur gravi.

Jekk din hija inqas minn 100 %, ir-rapport dwar il-ksur mhux komplut. Jekk is-somma hija ikbar minn 100 % ġie rrapportat iktar minn ksur wieħed għal kull verifika.

Għall-2006, il-Bulgarija, il-Ġermanja u l-Portugall ma pprovdewx dejta dwar il-kategoriji ta' riskju. Is-Slovakkja ma sabet l-ebda ksur.

Għall-2007, l-Istati Membri kollha rrapportaw id-dejta meħtieġa.

7.7. It-tipi ta' penali

Il-graff fl-Anness VIII turi d-distribuzzjoni tal-penali minn kull Stat Membru.

Fl-Istati Membri jeżistu bosta sistemi differenti ta' multi u ta' prosekuzzjoni.

Uħud mill-Istati Membri indikaw li kienet irrapportata iktar minn penali waħda għal kull unità ta' trasport. B'hekk is-somma tal-perċentwali m'hemmx għalfejn tkun ta' 100 %.

Ir-riżultati għal Spanja mhumiex normali minħabba interpretazzjoni żbaljata tan-numru totali ta' unitajiet ta' trasport mhux konformi mal-ADR. Barra minn hekk, ċerti Stati Membri ma pprovdewx informazzjoni dwar uħud mit-tipi ta' penali. Mhux ċar jekk dawn il-penali ma ġewx applikati jew ma ġewx irrapportati.

Il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Italja u l-Portugall ma rrapportawx penali għall-2006; għall-2007 dan kien il-każ għall-Italja u għall-Portugall.

8. KONKLUŻJONIJIET

L-Istati Membri kollha għamlu verifiki f'ġenb it-toroq skont id-Direttiva 95/50/KE. Kien hemm titjib fil-volum u fil-kwalità tad-dejta li ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni. Il-parti l-kbira tal-Istati Membri qed jużaw il-formati ta' rapportar korretti. Matul dawn il-verifiki, għadhom jinstabu proporzjon ta' vetturi li jiksru l-leġiżlazzjoni. In-numru ta' ksur għal kull verifika jidher li huwa stabbli.

In-numru ta' verifiki fl-UE żdied b'madwar 20 % mill-2006 sal-2007, biex laħaq madwar 285 000 verifika annwali fl-2007. Bejn wieħed u ieħor, kien skopert ksur f'verifika minn kull tmienja. Madwar 40 % ta' dan il-ksur kien tal-iktar tip serju. Konsegwentement, kważi 10 000 vettura kienu immobilizzati wara li ġew ivverifikati. Dan juri b'mod ċar li l-infurzar Prattiku tar-regoli dwar it-trasport tal-merkanzija perikoluża f'ġenb it-toroq huwa utli u jgħin sabiex tittejjeb is-sikurezza.

Il-Kummissjoni se tikkunsidra tagħmilx rakkomandazzjonijiet biex tarmonizza iktar l-interpetazzjoni u l-kontenut tal-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri fir-rapporti annwali tagħhom.

Anness I – L-evoluzzjoni tan-numru ta' verifiki, tan-nuqqas ta' konformità u tal-ksur tal-kategorija 1



Iktar informazzjoni dwar din it-tabella hija pprovduta fil-paragrafu 6 tar-rapport.

PAJJIŻ/SENA		2003	2004	2005	2006	2007
AT	Nru ta' Verifiki	5831	5420	5273	7089	7580
	% Mhux konformi				36,49%	36,00%
	% Riskju Kat. 1				24,62%	24,55%
BE	Nru ta' Verifiki	2919	3417	3835	3977	4133
	% Mhux konformi				38,52%	39,90%
	% Riskju Kat. 1				47,36%	30,47%
BG	Nru ta' Verifiki				19206	27996
	% Mhux konformi				2,49%	1,24%
	% Riskju Kat. 1				#N/A	23,15%
CY	Nru ta' Verifiki				75	181
	% Mhux konformi				1,33%	0,55%
	% Riskju Kat. 1				100,00%	0,00%
CZ	Nru ta' Verifiki		11334	17796	6694	7691
	% Mhux konformi				5,83%	5,60%
	% Riskju Kat. 1				26,46%	17,87%
DE	Nru ta' Verifiki	106653	103975	88915	83760	86225
	% Mhux konformi				#N/A	20,18%
	% Riskju Kat. 1				#N/A	47,00%
DK	Nru ta' Verifiki	311	621	708	889	646
	% Mhux konformi				55,46%	52,79%
	% Riskju Kat. 1				34,08%	40,76%
EE	Nru ta' Verifiki		74	67	#N/A	#N/A
	% Mhux konformi				#N/A	#N/A
	% Riskju Kat. 1				20,41%	37,50%
EL	Nru ta' Verifiki	96	211	1106	614	456
	% Mhux konformi				13,36%	16,89%
	% Riskju Kat. 1				52,44%	64,94%
ES	Nru ta' Verifiki	36782	30453	32591	40023	42787
	% Mhux konformi				0,25%	0,19%
	% Riskju Kat. 1				67,90%	66,69%
FI	Nru ta' Verifiki	2394	2536	2401	2530	3025
	% Mhux konformi				36,56%	33,92%
	% Riskju Kat. 1				31,35%	18,62%
FR	Nru ta' Verifiki	22951	28122	23341	5566	6388
	% Mhux konformi				10,28%	22,70%
	% Riskju Kat. 1				26,60%	22,07%
HU	Nru ta' Verifiki		74546	41609	35555	25995
	% Mhux konformi				1,63%	4,30%
	% Riskju Kat. 1				23,10%	27,03%
IE	Nru ta' Verifiki	356	375	815	630	731
	% Mhux konformi				32,54%	44,60%
	% Riskju Kat. 1				34,15%	24,54%

IT	Nru ta' Verifiki	2797	3135	3963	4105	4515
	% Mhux konformi				32,35%	34,55%
	% Riskju Kat. 1				72,82%	69,90%
LT	Nru ta' Verifiki		189	258	311	419
	% Mhux konformi				29,58%	16,95%
	% Riskju Kat. 1				23,91%	15,49%
LU	Nru ta' Verifiki	313	100	190	190	182
	% Mhux konformi				64,21%	68,13%
	% Riskju Kat. 1				15,75%	49,19%
LV	Nru ta' Verifiki		403	417	823	1609
	% Mhux konformi				11,42%	10,19%
	% Riskju Kat. 1				25,53%	29,27%
MT	Nru ta' Verifiki			36	33	75
	% Mhux konformi				51,52%	76,00%
	% Riskju Kat. 1				23,53%	34,09%
NL	Nru ta' Verifiki	2362	2138	1949	2750	7340
	% Mhux konformi				26,65%	14,69%
	% Riskju Kat. 1				57,82%	57,16%
PL	Nru ta' Verifiki			13505	15840	39057
	% Mhux konformi				11,14%	2,96%
	% Riskju Kat. 1				27,19%	15,52%
PT	Nru ta' Verifiki	67	192	171	235	137
	% Mhux konformi				76,17%	73,72%
	% Riskju Kat. 1				#N/A	42,50%
RO	Nru ta' Verifiki				2914	4517
	% Mhux konformi				9,37%	5,58%
	% Riskju Kat. 1				69,60%	64,77%
SE	Nru ta' Verifiki	6333	5109	6375	4182	4219
	% Mhux konformi				29,60%	20,27%
	% Riskju Kat. 1				22,08%	24,04%
SI	Nru ta' Verifiki	4178	3228	2179	1621	1041
	% Mhux konformi				17,89%	19,50%
	% Riskju Kat. 1				42,76%	39,41%
SK	Nru ta' Verifiki			83	247	300
	% Mhux konformi				0,00%	0,67%
	% Riskju Kat. 1				#N/A	0,00%
UK	Nru ta' Verifiki	6124	4863	5762	4851	8221
	% Mhux konformi				13,69%	30,76%
	% Riskju Kat. 1				19,13%	30,01%
EU	Nru ta' Verifiki				244710	285466
	% Mhux konformi				12,11%	14,44%
	% Riskju Kat. 1				40,57%	41,06%
NO	Nru ta' Verifiki				632	417
	% Mhux konformi				34,65%	34,53%
	% Riskju Kat. 1				21,27%	15,97%



Anness II - Il-frekwenza tal-verifiki għal kull miljun tunnellata-kilometru

Iktar informazzjoni dwar din il-graff hija pprovduta fil-pagarafu 7.1 tar-rapport.





Anness III - Analiżi tal-verifiki skont il-post tal-orġini

Iktar informazzjoni dwar din il-graff hija pprovduta fil-paragrafu 7.2 tar-rapport.





Annex IV – Il-proporzjon ta' unitajiet ta' trasport mhux konformi mal-ADR

Iktar informazzjoni dwar din il-graff hija pprovduta fil-paragrafu 7.3 tar-rapport.





Anness V - Analiżi tal-unitajiet ta' trasport mhux konformi mal-ADR skont il-post tal-oriġini

Iktar informazzjoni dwar din il-graff hija pprovduta fil-paragrafu 7.4 tar-rapport.





Anness VI - Il-frekwenza tal-immobilizzazzjoni tal-unitajiet ta' trasport mhux konformi mal-ADR

Iktar dettalji dwar din il-graff huma pprovdoti fil-paragrafu 7.5 tar-rapport.





Anness VII - Analiżi skont il-kategoriji ta' riskju

Iktar dettalji dwar din il-graff huma pprovdoti fil-paragrafu 7.6 tar-rapport.



Anness VIII – It-tipi ta' penali għal kull unità ta' trasport mhux konformi mal-ADR

Iktar dettalji dwar din il-graff huma pprovdoti fil-paragrafu 7.7 tar-rapport.



Anness IX – It-trasport annwali tal-merkanzija perikoluża bit-triq f' miljun tunnellata-kilometru

Iktar dettalji dwar din it-tabella huma pprovduti fil-paragrafu 5 tar-rapport.

SM/Sena	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008
AT	960	924	1064	985	1132	940	972	1122	1054	1178
BE	2768	3545	4177	3779	2623	2284	2473	2203	2191	1904
BG	:	:	:	:	:	:	:	438	491	694
CY	:	:	:	134	118	159	221	166	224	181
CZ	:	2905	2117	1905	2172	1498	1814	1875	1376	1140
DE	12261	12782	13437	12034	12777	13524	13158	13717	12834	13616
DK	887	853	827	998	780	901	693	933	620	1256
EE	:	:	:	:	25	24	286	193	276	189
EL	:	:	:	:	2040	3875	1975	3085	2228	3144
ES	8998	10690	10300	12036	12185	12669	12474	12700	12671	12605
FI	1946	2077	2427	2253	2401	1818	2165	2317	1847	1574
FR	8328	7607	8132	8471	8797	8701	8825	9456	9755	9441
HU	:	:	:	:	:	:	:	1099	1217	1348
IE	597	954	1139	1094	1414	1468	1403	1340	1291	1351
IT	10875	10894	11086	10523	10131	9935	11406	10777	11392	:
LT	:	:	:	:	1173	1151	383	461	461	384
LU	200	189	245	337	327	344	444	445	468	364
LV	:	:	:	117	153	97	159	154	162	185
MT								28	28	
NL	950	848	2123	1680	1664	2021	2203	2390	2098	2554
PL	:	:	:	:	:	3651	3649	3267	4708	5380
PT	1571	1276	1775	1730	1900	2066	1984	2046	1979	1846
RO	:	:	:	:	:	:	:	2559	2057	1782
SE	:	1779	1623	2009	1778	1450	1634	1743	1409	1265
SI	:	:	542	407	418	477	620	571	631	662
SK	:	:	:	:	406	431	366	517	562	281
UK	10790	11654	10655	10178	9899	7983	8766	7590	7808	:
NO	1085	1139	828	908	1120	886	944	931	1454	1018